**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 19 tal-20 ta' Ġunju 2022 dwar is-sejħa ta' xhieda mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Wara l-ħin tal-mistoqsijiet tas-seduta tal-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2022, l-Onor. Graham Bencini qal hekk:

> "Sur President, waqt il-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-Onor. David Agius xtaq jitlob ruling, iżda peress li lbieraħ inti ma kontx hawnhekk u huwa kien qed jippresjedi din il-Kamra bħala Deputy Speaker, huwa ħass li ma jkunx ġust li jitlob ruling f'seduta li hu stess qed jippresiedi. Għalhekk qed nitlob dan ir-ruling jien għan-nom tiegħu.
>
> Waqt il-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-membri tan-naħa tal-Gvern oġġezzjonaw li l-Kummissarju tal-Pulizija jittella' bħala xhud u kkwotaw l-Ordni Permanenti 120E, subartikolu (1) ta' dak li hu r-remit ta' dan il-Kumitat. Dan anke wara li aħna offrejna li nbiddlu l-mod kif iddeskrivejna r-raġuni għaliex se ngħajtu lill-Kummissarju Angelo Gafà biex jidher quddiemna.
>
> Imkien m'hemm imniżżel, fl-ebda paragrafu tal-Ordni Permanenti 120E subartikolu (1), li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jiġi jixhed quddiem il-PAC. Anzi, paragrafu (a) jgħid ċar li dan il-Kumitat għandu:
>
> > "(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;".
>
> Quddiemna għandna rapport tal-Awditur Ġenerali, u lbieraħ stess qalilna li hu jgħaddi r-rapport – bħalma jagħmel f'kull rapport ieħor – lill-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk ma nsib l-ebda raġuni għalfejn dan il-Kumitat m'għandux iħalli lill-Kummissarju tal-Pulizija jitħalla jissejjaħ bħala xhud.
>
> Barra minn hekk, fl-2014 kemm l-eks Kummissarju John Rizzo kif ukoll Angelo Gafà, li dak iż-żmien kien spettur, kienu xehdu quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi ... u dakinhar ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni. Allura, Sur President, qed nitlob ruling min-naħa tiegħek sabiex tidderiġi lill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u tikkonferma li, iva, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jixhed quddiemu, kif wara kollox diġà sar fil-passat."

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Bencini u tat il-kelma lill-Onor. Andy Ellul li rrimarka:

> "Mr Speaker, aħna ma nħossux li għandna nipprovaw b'xi mod nagħmlu xi lecture lil din is-Sedja għaliex l-iStanding Orders, senjatament l-artiklu 120E subinċiż (1) jagħmilha ċara x'inhuma l-mansjonijiet tal-Public Accounts Committee, li le, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jittella' xhud quddiem il-Kumitat.... Il-Kumitat ma jistax jinvestiga investigazzjoni tal-Pulizija. Apparti minn hekk, din is-Sedja diġà tat ruling ċar dwar ix-xhieda li huma fil-*vires* tal-Kumitat iħarrkuhomx jew le."

Is-Sedja qalet li ħadet nota ta' dak li ġie mitlub u kienet ser tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja rat it-traskrizzjoni tal-laqgħa kollha tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li nżammet fl-14 ta' Ġunju 2022 meta fuq l-aġenda kellu l-Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd. by Enemalta Corporation*, u b'mod partikolari rat dak li ntqal dwar it-talba min-naħa tal-Oppożizzjoni li jittella' bħala xhud il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà, u ser tagħmel referenza għall-partijiet saljenti ta' din il-laqgħa.

Fost l-oħrajn iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Darren Carabott, qal hekk:

> "Qed nifhem li hemm tliet punti minn dawk l-erbgħa ppreżentati, wieħed minnhom kien soġġett għal tibdil li qed naqblu dwaru. Ħa niġu għall-punt li qed jiġi kkontestat. Ix-xhud Nru 1 il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà. Jidher li kien hemm oġġezzjoni. Nitlob li terġa' tiġi spjegata l-oġġezzjoni għalfejn qed issir fir-rigward ta' dan ix-xhud."

Hawnhekk l-Onor. Ellul qal:

> "Diġà għamiltha pubblika u qrajt verbatim dak li hawn miktub fuq il-lista tax-xhieda li ġiet mgħoddija lil din in-naħa inkluż x'jgħid l-artiklu 120E(1) tal-Ordnijiet Permanenti li l-mansjoni, jiġifieri li jista' jagħmel dan il-Kumitat huwa li jinvestiga kontijiet pubbliċi. Aħna qed ngħidu li m'għandniex remit, m'għandniex awtorità li ninvestigaw investigazzjoni tal-pulizija."

Hawnhekk l-Onor. David Agius qal:

> "Aħna se nistaqsu lill-Kummissarju tal-Pulizija jekk dan ir-rapport li għandna quddiemna llum wasslux jew le biex jagħmel investigazzjonijiet min-naħa tal-Pulizija dwar dak li hemm f'dan ir-rapport. M'aħniex se nistaqsu dwar x'għamel u x'm'għamilx, jew iva jew le, imma jekk dan ir-rapport ta' dawn il-paġni kollha xi mkien wassalx lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu xi azzjoni. Dak li xtaqna nistaqsuh. Mhu se nidħlu fl-ebda investigazzjoni tal-ebda Korp tal-Pulizija."

B'reazzjoni għal dan l-Onor. Glenn Bedingfield wieġeb lill-Onor. David Agius u qal hekk:

> "Kif qal tajjeb il-kollega, aħna hawnhekk qegħdin biex niskrutinizzaw il-kontijiet pubbliċi, biex naraw nagħmlux skrutinju tal-ispiża tal-Gvern tal-awtoritajiet governattivi, biex nitolbu lill-NAO jagħmel rapport u biex nagħmlu skrutinju tar-rapport tal-NAO. Il-Kummissarju tal-Pulizija intom tridu titolbuh, ħa naqra xi ktibtu intom u wara dak li għedt inti, qed tikkonferma dak li hawn miktub.
>
>> "Sabiex jixhed …"
>
> Mela mhux biex jagħtikom informazzjoni.
>
>> "Sabiex jixhed dwar l-investigazzjonijiet tal-pulizija dwar il-kuntratt mogħti".
>
> Mela inti mhux se titolbu x'sab imma se titolbu jekk investigax. L-investigazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, jekk għamel, għax jien ma nafx jekk għandekx dik l-informazzjoni, ma nafx x'għamel, ma taqax fil-mansjoni ta' dan il-Kumitat, b'kull

rispett lejkom, Onor. Membri, u allura la ma taqax fil-mansjoni ta' dan il-Kumitat, jien ma narax ir-relevanza li dan ix-xhud jitla' jixhed quddiem dan il-Kumitat."

L-Onor. David Agius kompla billi qal:

"Aħna jidhrilna li l-Kummissarju tal-Pulizija li quddiemu għandu rapport pubbliku se nistaqsuh jekk dan ir-rapport ġiex quddiemu, jekk tridu tkunu tafu x'se nistaqsu lill-Kummissarju tal-Pulizija, se nistaqush jekk qrax dan ir-rapport u jekk hu għamilx investigazzjoni jew le dwar dan il-kuntratt partikolari. Jekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma jħossx jew iħoss, kif se jirrispondi ma nafx, imma dan il-Kumitat, dan il-Parlament għandu jġib quddiemu l-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk għamilnieh l-ewwel xhud biex jgħidilna hu, min-naħa tiegħu, ħassx li f'xi paġna, tnejn, tlieta, f'dak li nkiteb mill-Awditur Ġenerali, wieħed mill-ogħla uffiċjali tal-pajjiż, wieħed mill-ogħla uffiċjali ta' dan il-Parlament bi qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, kiteb dan ir-rapport u jekk il-Kummisarju tal-Pulizija ta' pajjiżna ħassx il-ħtieġa jew le li jagħmel, li jitlob investigazzjoni dwar dan il-kuntratt. Issa jekk il-wording tridu li nibdluh biex jixhed dan li qed ngħid jien ħalli nkunu aktar ċari …"

Imbagħad l-Onor. David Agius kompla:

"Dak li nixtiequ aħna għax naħseb dan il-Kumtiat u min qed jismagħna u min qed jarana u dawk kollha li huma interessati fir-rapport li kiteb l-Awditur Ġenerali, ħassx li kellu jagħmel xi ħaġa. Jekk iva, kulħadd ikun jaf u jekk le, kulħadd ikun jaf ukoll imma naħseb li dan il-pajjiż, wara dak it-tip ta' rapport u wara dawk il-konklużjonijiet nixtiequ nkunu nafu l-pożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija."

L-Onor. Alex Muscat imbagħad qal:

"Dak ir-rapport imkien ma jgħid li kien hemm xi korruzzjoni u allura l-pulizija kellha tinvestiga. Hemm ir-rapport, hemm il-konklużjonijiet tiegħu imma hemm ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapport."

Qal ukoll:

"Ippermettili. Issa ħa mmurlek f'każ li mhuwiex, anke li kieku ma kienx il-każ, ir-rapport ma jitfa' l-ebda ħtija jew xi kolpa kriminali fuq xi ħadd. Anke li kieku kien il-każ, dan il-Kumitat għandu r-regoli tiegħu, kollega, jiġifieri aħna ma niġux hawnhekk u kif ipprovajna nagħmlu fil-leġiżlatura li għaddiet nivvintaw ir-regoli ta' dan il-Kumitat. Jien qed nieħu pjaċir li llum għandna Chairperson – u bl-ebda diżrispett – li qed jimxi ħafna aktar mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra."

Ikompli jgħid:

"Ejja nimxu mar-regoli li jiggwidaw lil dan il-Kumitat. Mhuwiex fil-mansjoni ta' dan il-Kumitat li naraw x'qed tagħmel il-pulizija. Ladarba għandna l-NAO hawnhekk stess, nagħmlilhom mistoqsija: Fejn fir-rapport ta x'jifhem li l-pulizija kellha tinvestiga ulterjorment?"

Peress illi baqa' ma ntlaħaqx qbil dwar it-talba tal-Oppożizzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija jidher quddiem il-Kumitat, l-Onor. David Agius informa lill-istess Kumitat illi kien ser jitlob ruling tas-Sedja dwar dan.

Fil-konsiderazzjoni tat-talba s-Sedja rat dak li jgħid Ordni Permanenti 120E, paragrafu (1) li minnu joħroġu l-mansjonijiet tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

> **120E**. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:
> (a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubblici li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
> (b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
> (ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
> (d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;
> (e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
> (f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;
> (g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u
> (h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus.

Is-Sedja ħasset ukoll li għandha tara r-rwol ta' Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi fil-Commonwealth, primarjament anke dak l-aktar avvanzat fi New Zealand li huwa wieħed mill-aktar Public Accounts Committees li huwa notat fix-xogħol tiegħu. Is-Sedja, mingħajr ma tidħol u tiddeċiedi dwar dan, għaliex tħoss li huwa l-Kumitat innifsu li finalment għandu jifhem x'inhu r-rwol eżatt tal-istess Kumitat taħt l-istess Ordni Permanenti fuq ċitat, tikkwota minn dokument pubblikat mill-Controller and Auditor General ta' New Zealand bl-isem *Building a stronger public accontability system for New Zealanders* preċiżament minn "Part 3 – How well is public accontability positioned for the future?". Dan id-dokument jikkontjeni diagram bl-isem "Figure 5 - Mapping the Public Accountability System" li dwaru l-istess rapport fis-sezzjoni 3.10 jgħid hekk:

> "3.10 Although Figure 5 is complex, it still does not include: ...
> - the many other accountability relationships with related organisations and institutions, including the judiciary, the media, the New Zealand Police, the Serious Fraud Office, ..."

Dan ifisser li bħala uffiċjali, filwaqt li jistgħu jissejħu uffiċjali tad-dipartimenti, uffiċjali minn kunsilli lokali, uffiċjali min-naħa ta' dipartimenti li jaqgħu taħt l-istess aġenziji, imkien ma joħroġ li waqt li qed jagħmlu dan l-iskrutinju tar-rapporti dwar il-finanzi tal-pajjiż, ikun hemm ukoll investigazzjoni li twassal għal x'qed isir mill-Korp tal-Pulizija jew mill-qrati, eċċ.

Min dan joħroġ li l-mansjoni tal-Kumitat hija strettament indirizzata lejn investigazzjoni dwar nefqa ta' fondi pubbliċi u bl-ebda mod ma tista' tiġi mwessa' għal investigazzjonijiet kriminali li jiġu mwettqa mill-Pulizija jew xi awtorita' kompetenti oħra. Dan qed ngħidu in vista ta' dak

dikjarat waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat meta l-Oppożizzjoni bdiet telenka l-lista tax-xhieda u nikkwota:

> "**ONOR. DARREN CARABOTT:** Il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa – sabiex jixhed dwar l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar il-kuntratt mogħti lis-soċjetà ElectroGas Malta Ltd mill-Korporazzjoni Enemalta u biex jixhed ulterjorment dwarhom."

Minkejja dan kollu, is-Sedja, kif espress diversi drabi kemm minnha kif ukoll minn Speakers oħra preċedenti, tibqa' konxja mill-fatt illi filwaqt li ma għandhiex tidħol fit-tmexxija ta' kumitat ittenni li huwa l-Kumitat li għandu finalment jiddeċiedi liema xhieda għandu jsejjaħ filwaqt li jassigura dan jagħmlu f'osservanza stretta tas-setgħat li jtuh l-istess Ordnijiet Permanenti.

Is-Sedja qed tagħmel referenza għal diversi rulings fosthom dawk mogħtija mill-Ispeaker Michael Frendo fil-11 ta' Ottubru 2010 tas-16 ta' Mejju 2012 u r-ruling mogħti minna fit-8 ta' Ġunju ta' din is-sena li jagħmluha ċar li huwa l-Kumitat innifsu li għandu jiddeċiedi dwar ix-xhieda li għandhom jitilgħu quddiem l-istess Kumitat, u nikkwota:

> "Skont l-Ordni Permanenti 132 <u>il-Kumitat</u> għandu "s-setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapporti quddiemu ... ix-Xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-President tal-Kumitat relattiv u li jiġi ffirmat mill-Iskrivan."
>
> Minn dan joħroġ li għalkemm huwa l-President li materjalment u formalment isejjaħ lix-xhieda, is-setgħa li jitħarrku x-xhieda qiegħda f'idejn il-Kumitat. Ir-regolarità *o meno* ta' taħrika tax-xhieda għalhekk tiddependi dejjem mid-deċiżjoni tal-Kumitat."

Minn dan joħroġ li d-deċiżjoni finali dwar jekk ix-xhud imsemmi, Angelo Gafà, bħala Kummissarju tal-Pulizija, għandux jittella' jixhed jew le, tibqa' dejjem tal-Kumitat, u jekk wara kull tentattiv jibqa' ma jkunx hemm qbil, allura din id-deċiżjoni trid titqiegħed għall-vot tal-Kumitat.

Is-Sedja, għal darb' oħra ttenni dak li ntqal fil-passat kemm minna kif ukoll minn Speakers preċedenti li:

> "l-użu tal-vot maġġoritarju huwa ntiż biss fejn assolutament ma jistax jintlaħaq ftehim u allura jkun hemm impasse. Hija fin-natura tad-demokrazija parlamentari li għandu jkun hemm sforz ċar biex ġenwinament jintlaħaq ftehim qabel ma kumitat imur għall-vot fuq kwalunkwe materja."
>
> "Is-Sedja hija serjament preokkupata li jekk il-Membri f'kumitat jużaw mingħajr għaqal, partikularment jekk b'mod mifrux iżda anke possibbilment jekk selettivament, il-poteri li jingħataw mill-Ordinijiet Permanenti, dan jista' jagħti lok għal preġudizzju serju għall-operat ta' kumitat intiż biex jintlaħqu l-għanijiet li għalih twaqqaf."

Ir-ruling huwa deċiż.